MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 540/2010

**GO p.l.c.**
**(C – 22334)**

**vs**

**Raphael Attard Flores**
**(I.D. 55782M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u disgha u sittin ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€669.29), in konnessjoni mas-servizz ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru 40088074 skont diversi kontijiet mibghuta lilu, u skont id-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba :

IZY 1 – prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40088074
IZY 2 – ftehim dwar is-servizz bl-akkont numru 40088074

Illi l-konvenut giet interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut git debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u disgha u sittin ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€669.29), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------